**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN 16TA' MARZU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **33.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 33.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia informa permezz ta' email li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba imenji oħra. **Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **33.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 33.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq punt 32.2.1 jeħtieġ li l-Kunsill jinsisti mal-kuntrattur biex jerġa jagħmel prova oħra għax dik li għamel ma intogħġbitx. |
| | | |
| | | |
| 33.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnejn u tletin - il seduta. |
| | | |
| ***33.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 33.3.1. | | Is-Sindku qalet li tagħti l-kondojanzi lill-familja tal-Kunsillier Marisa D'Amato għax ġiet nieqsa il-kunjata tagħha u lill-familja tal-kunsillier Kenneth Farrugia għax ġiet nieqsa z-zija tiegħu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 33.3.2 | | Is-Sindku qalet li nhar it-Tnejn fl-16:00 l-Onor Ministru Julia Farrugia Portelli, flimkien ma' Aġenzija Sapport ser jinawguraw residenza għall-persuni b'diżabilta fiż-Żurrieq. Hi infurmat li min irid li jattendi jinfurmha.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jħossu offiż li b'affarijiet bħal dawn, il-Kunsill ikun jaf bihom, meta issir l-inawgurazzjoni tagħhom u mhux waqt il-proċess tal-proġett. |
| | | |
| 33.3.3 | | Is-Sindku qalet li għada l-Ħamis 17 ta' Marzu, l-Onor. Ministru Julia Farrugia Portelli ser tkun preżenti fil-Kunsill, biex tippreżenta l-wheelchairs u kotba braille li l-Kunsill applika għal fondi ghalihom, ftit tax-xhur ilu. |
| | | |
| ***33.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 33.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• quddiem il-kappella ta' Sant Agatha hemm bżonn mera.<br>• l-bozoz ta' fejn is-Salib fi Triq il-Kbira għadhom ma ssewwewx. |
| | | |
| 33.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• hemm bżonn jinbidel il-venue jew il-ħin tal-klassi tal-yoga.<br>• Hemm bozza bejn Triq il-Ħaddiema k/m Triq il-Qroll maqtugħa<br>• Kif inhu l-cat café magħluq kollu, jistgħu jibdew jiddaħħlu l-qtates imsewwija. Kien hemm qbil li jiġu avżati l-Animal Welfare. Biex jiddaħlu l-qtates f'dan il-cat café iridu jkunu neutered u jkollhom l-FIV test negative. Dan it-test jiġi madwar 30E.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fi snin preċedenti l-Kunsill kien ibbaġitja fondi għal-neutering u mediċina għal qtates. Hi ssuġġeriet li l-istess ammont ta' fondi jintużaw ukoll għall-ikel.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li applikat għad-dawl u l-ilma, kif ikollna dan is-servizz ikun jista jiġi ordnat cctv. |
| | | |
| 33.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• fis-sotto kumitat tal-Kultura ser jingħaqad persuna oħra s-Sur Ray Vella.<br>• Tabella li turi Żurrieq Centre f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra<br>• Hemm karozza mitluqa fi Triq is-Sinja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ilha tirrapportha l-għassa biex jittiħdulha n-numri tar-reġistrazzjoni, ħalli l-Kunsill ikun jista jneħiha, ġaladarba l-Kunsill mhux jinqedgħa bit-tow truck tal-pulizija.<br>• Il-un/loading bay fi Triq Filippu Farrugia ser issir xorta minn TM skont il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva. Hu qal li ma jaqbilx li l-Kunsill ma jkunx qed jaqbel ma xi ħaġa u dawn isiru xorta minn TM bla approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li mhux ser jitkellem partiġjan, imma dawn l-affarijiet ma jiftakarx li qatt saru qabel. It-TM kellha timxi mad-deċiżjoni tal-Kunsill u mhux tiġi għand il-Kunsill u wara tagħmel fattiha. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv tikteb lill-TM jekk hux ser tkun il-prassi ta' TM li taġġudika |

| | | |
|---|---|---|
| | | hi fejn isiru l-un/loading bays u li l-Kunsill ser jiddisassoċja ruħu minn kull un/loading bays. |
| | | |
| 33.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Triq it-Torri u Vjal l-Indipendenza għadhom ma sarux it-toroq b'manutenzjoni xierqa, fejn sar il-kanal mil-Enemalta.<br>• Iż-Zurrieq FC ser jerġa jagħmel *one day tournament* tas-Sajf, bit-trophies mogħtija mill-Kunsill. Kien hemm qbil li teġa ssir.<br>• Fuq ir-rikjesta taż-Żurrieq FC biex il-kunsill jorganizza trasport għal-logħba importanti taż-Żurrieq FC u li tali talba, intbagħtet b'email lill-Kunsilliera kollha, u li għaliha ma kienx hemm qbil, qal li ma jara xejn ħażin li għaqda f'sitwazzjoni straordinarja titlob l-għajnuna tal-Kunsill u l-Kunsill jgħin u jinvolvi ruħu. Iż-Żurrieq FC kellu sitwazzjoni straordinarja, meta saret talba għat-trasport, għax li klabb sportiv jiġi promoss, ma ssirx spiss. Hu qal, li dak li ħareġ sabiħ f'dawn il-ġranet, hi li ma kienetx sitwazzjoni partiġjana, imma sitwazzjoni ta' għaqda bejn iż-Żrieraq kollha. Iż-Żurrieq maqsum fuq kollox minbarra fuq football. Kien hemm għaqda kbira u l-Kunsill ma qabilx li jagħti l-għajnuna. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jimxi skont il-liġi u m'għandux ikun hemm sitwazzjonijet straordinarja. Ma jarax kif każin tal-football mhux kapaċi jorganizza trasport u jkun jista jaqla fondi minnha. |
| | | |
| 33.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hemm bżonn li Triq il-Wied issir parti minnha b'materjal li ma jiżloqx.<br>Il-Kunsill ser jerġa jinsisti biex issir.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:20. |
| | | |
| 33.4.5 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri jeħtieġ :<br>• li l-Kunsill jibda jordna l-qwiel fuq tabelli biex jitwaħħlu mad-dahr tal-bankijiet fi Ġnien il-Ġibjun.<br>• Jeħtieġ aktar dawl fi Triq il-Barrieri.<br>• Jeħtieġ li jerġa jsir bin fejn il-ħanut tal-merċa fi Vjal l-Indiependenza. Ma kienx hemm qbil.<br>• Fil-Kunsill news jeħtieġ li jiġi mistoqsi jekk ir-residenti jridux li jibqgħu jirċevuh. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma kienx qabel ma din l-idea. |
| | | |
| **33.5.a** | | **RAPPORTI** |
| | | |
| 33.5.a1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jinqraw. |
| | | |
| ***33.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***33.6a*** | | ***Emendi fil-Bye law rigward il-Mitħna tax-Xarolla*** |
| | | |
| 33.6a.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-bidliet li qed jiġu pproponuti fil-bye law tal-Mitħna tax-Xarolla, jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. **Dok 2**. Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| | | |
| **33.6b** | | **Data tal-laqgħa annwali tal-lokalita'** |
| | | |
| 33.6b.1 | | Kien hemm qbil li l-laqgħa ssir dak inhar tas-seduta fis 27 ta' April u kif tispiċċa l-laqgħa annwali, tkun tista tibda s-seduta tal-Kunsill. |
| | | |
| ***33.7*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 33.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Infurmat li l-Kunsill ħa l-parir mingħand persuna abbli mid-Dipartiment tal-Kummerċ re: Gabbani tal-festi. Il-Kunsill ġie ggwidat li għandu jtellgħa bil-polza l-posti kif kien issuġġeriet fis-seduta preċedenti. L-avukat ġie infurmat biex jagħmel xi punti fuq dan ir-rigward u biex jinbeda l-proċess.<br>• Fir-rigward tal-klawżola li l-Kunsill qabel li tinkiteb fid-dokumenti tat-tenders, il-Kunsill kien iggwidat li jinħarġu default notices u ma japplikax klawżola fit-tender.<br>• Il-Kunsill reġgħa rċieva email mingħand ir-resident li talab drop kerb fi Triq P P Saydon. Hi infurmat li għalkemm kien hemm min biddel il-fehma tiegħu fuq id-deċiżjoni, jridu jgħaddu 3 xhur biex tinbidel.<br>• Kumpanija li tbiegħ il-propjeta qed titlob li twaħħal avviżi fuq zebra crossings u viċin kantunieri bi ħlas lill-Kunsill. Dawn qed jissuġġerixu ukoll li jieħdu ħsieb xi ġnien fil-lokal. Kien hemm qbil li jintalab appuntament mal-kumpanija.<br>• Residenti fi Triq il-Kbira qed jitlob permess biex jinstalla żewġ pots mal-faċċata tad-dar tiegħu li ma jostakolawx l-użu tal-wheelchair jew xi push chair. Ma kienx hemm qbil minħabba li jista jinħoloq preċedent.<br>• L-avukat tal-kunsill ressaq żewġ ittri għall-approvazzjoni tal-Kunsill – waħda fuq PA7578/21 - espropjazzjoni ta' passaġġ fi Triq il-Barrieri u l-oħra fuq il-bollards li kienu installati mill-kunsill fi Triq Bronja. Fir-rigward tal-espropjazzjoni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Avukat ħa żball fil-kliem, għax il-Kunsill irid li l-Gvern jespropja t-trejqa, biex tintuża għal skop pubbliku u mhux li l-Kunsill irid jespropja l-art għalih. Fir-rigward tal-bollards il-Kunsill qabel li jmexxi.<br>• Resident li għandu garaxx fi Triq Gio Batta Saydon qed jitlob li l-Kunsill jagħmel double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu (li jiġi quddiem resident oħra). Dan għal fatt li qed jgħid li ma jkunx jista jdaħħal il-van fil-garaxx jekk ikun hemm vetturi pparkjati. Ma kienx hemm qbil fuq dan, barra li sid il-garaxx għandu rampa illegali u li qed tostakola l-bankina.<br>• Kumpanija privata qed titlob li jsir filming fil-Mitħna tax-Xarolla u il-faċċata tagħha. Kien hemm qbil li ssir laqgħa magħhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Illum ġew tal-kumpanija Refablightblue li għamlet ir-reċipjenti tal-ħwejjeġ fiż-Żurrieq. Illum din il-kumpanija, ġabet reċipjenti taż-żejt ukoll. Dawn staqsew jekk il-Kunsill hux lest li jżid posta oħra għal reċijenti tal-ħwejjeġ u żejt. Kien hemm qbil li ssir posta fi Triq tal-Kmand k/m Triq l-Imqabba. |
| | | |
| 33.7.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li ħarġet skema dwar Restawr ta' Postijiet/monumenti storiċi f'Malta 2022/2023 SPI/SCI/3/2022.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato semmiet il-barumbara fi Triq Bronja li ilha minn żmien il-kavallieri u li hi sit storiku għaż-Żurrieq. Kien hemm qbil li għal din l-iskema l-barumbara peress li hi privata, l-Kunsill ma jistax japplika għaliha.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-arċipriet u jara liema kappella l-aktar li għandha bżonn manutenzjoni. Jekk il-kappelli m'għandhomx bżonn, kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal manutenzjoni tan-niċeċ. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***33.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 33.8.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numri 1 u 2 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 123/2022. |
| | | |
| ***33.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 33.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' €74,008.48<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Tiffany Ann Attard u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***33.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 33.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:10 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 27ta' April, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 27 ta' APRIL, 2022.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**